MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2012

Numru. 365/2012

Il-Pulizija
(Sp Saviour Baldacchino u Sp Carol Fabri)
vs
Nicholas Farrugia, iben John, imwieled Siġġiewi fil-31 ta' Awwissu, 1969, karta ta' l-identita numru 349669(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-17 ta' Frar, 2012 għal ħabta tat-3.30 p.m. ġewwa Birkirkara, iddenunzja rapport lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
2. talli sar reċidiv b'sentenzi li ġew mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta,liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mnaqqsa jew mibdula skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 110(2) tal-Kodiċi Kriminali u stante l-fatt da kien inċident 'de minimis', tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn euro (€200).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------